# 93. It-Tieqa

Ħanina,
x’tiswa t-tieqa
impittra, miżwieqa,
bla dija
fid-dalma lejlija?
Iżżid biss il-morr
u l-kruha tal-lejl ġewwa l-kor!

’Mma meta tal-għodwa
id-dija
dlonk tkeċċi lid-dalma lejlija,
erħilha lit-tieqa
tidhirlek
impittra, miżwieqa,
timtela bil-ħajja u l-lwien;
il-vjola jingħażel mis-sfura,
u l-aħmar jintgħażel mill-ħdura,
u tidher girlanda mad-dawra
imfawra
bil-weraq, bin-nwar;
u tidher fin-nofs sħaba deheb,
u taħtha Madonna
sabiħa fil-ġonna,
u b’libsa ħamrana
taħt mantar ħadran,
u b’wiċċ ta’ tuffieħa
taħt xagħarha safran,
titbissem, titbissem
bil-ferħ u bis-sliem
lill-ġilji, lill-ward, lill-ħamiem;
u l-kor jieħu l-ħajja,
u l-orgni jirtgħod,
u jidwi tal-għodwa
il-lawdi bil-mod.

Ħanina
x’tiswa l-ħajja
mingħajr dik id-dija
li tixħet l-imħabba

fid-dalma lejlija?
x'inhija ħlief waħx
u faħx?

Ħalliha lid-dija
ta' mħabbtek
tkeċċiha
lid-dalma lejlija
u tidħol ġo qalbi
u ddawwal it-tieqa
impittra, miżwieqa,
u tikxef girlanda mad-dawra,
imfawra
bil-weraq, bil-ward;
u f'nofs din it-tieqa,
ġo sħaba tad-deheb,
ħalliha li turi
xbihetek, ħanina,
imżejna bil-ġmiel u l-kuluri;
tbissimli ġo qalbi,
tbissimli bil-ħlewwa,
nessili kull dnewwa;
u l-kor ta' ġo qalbi
jgħannilek,
jiddilek,
kull għodwa, kull jum,
mas-sfafar,
l-għasafar,
mar-raxx tal-għejjun.